**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**

Avviż Nru 159/2020 LC

**Dr Carlo Bisazza kif debitament awtorizzat għan-nom ta' u in rappreżentanza tas-soċjeta' Velocity Ventures Limited (C85204)**

**vs**

**Dr Benjamin Valenzia noe bħala Kuratur Deputat għas-soċjetà estera Amerikana Mineral Health & Beauty (Reg: 82-3002815)**

Illum, 22 ta' Novembru 2023

Il-Qorti;

Rat r-rikors ta' Dr Carlo Bisazza noe fejn talab lis-soċjetà intimata tgħid għalfejn m'għandhiex tkun ikkundannata:

Tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' għaxart t'elef u wieħed u għoxrin Dollaru Amerikan u erbgħa u tletin ċenteżmu (USD 10021.34) ekwivalenti għal (€8463.27) jew somma oħra verjuri skond ir-rata tal-kambju viġenti rappreżentanti bilanċ dovut għal

spejjeż u servizzi reżi in konnessjoni ma' online sales u marketing, u dan, skond kuntratt datat 27 ta' April 2019 iffirmat bejn il-partijiet.

Bk-ispejjeż u bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-fattura relattiva, u ċioe', 19 ta' Mejju 2020, kontra l-konvenuta tibqa' nġunti għas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-kuratur deputat Dr Benjamin Valenzia bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lis-soċjetà estera Amerikana Mineral Health & Beauty (Reg: 82-3002815), tal-5 ta' Ottubru 2021, fejn jesponi:

1. Illi hu mhux edott mill-fatti.

2. Jingħata l-aħħar indirizz magħruf tas-soċjetà intimati u dettalji oħra li jistgħu jwassluh jagħmel komunikazzjoni mal-istess soċjetà' intimata;

3. Li l-attur noe għandu jirrappreżenta l-prokura li biha hu inħatar bħala prokuratur u/jew mandatarju tas-soċjetà' attriċi;

4. In linea preliminari jekk sarx tantattiv skont il-Liġi sabiex l-istess soċjetà' intimata estera tiġi notifikata skont il-Liġi qabel il-ħatra ta' kuraturi deputati;

5. Jiġi ppreżentat il-kuntratt data 27 t'April 2019 u dawk il-provi li jindikaw kif l-ammont huwa dovut;

6. Tiġi ppreżentata l-ittra uffiċjali li biha l-attur noe talab l-imgħax allegatament dovut;

7. Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli skont il-Liġi speċjalment f'każijiet fejn il-kuratur deputat mhux edott mill-fatti.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi s-soċjetà Velocity Ventures Limited, tramite s-soċjetajiet sussidjarji tagħha, fosthom is-soċjetà DRVE, tipprovdi servizzi ta' promozzjoni tas-soċjetajiet klijenti tagħha bil-għani li jaċċelleraw il-bejgħ online tal-prodotti tal-istess. Toffri wkoll kampanji ta' riklamar, programmi *affiliates*, *websites*, u riklamar bi ħlas fuq *search engines*, siti soċjali u anke fuq is-sit tagħhom. Il-mudell finanzjarju hu li s-soċjetà Velocity Ventures Limited toħroġ il-kapital hi għar-riklamar u tieħu ħsieb kollox hi stess. Imbagħad titħallas perċentwali ta' bejn 5% u 60% tal-bejgħ *online* gross.

Illi fil-każ *de quo*, Nikhil Manish Gokal, *new Business Developer* fi ħdan DRVE, li tifforma parti mis-soċjetà Velocity Ventures Limited, kien irċieva talba għal informazzjoni mis-sit tagħhom u in segwitu avviċina lis-soċjetà intimata fis-7 ta' April 2020 bil-għan li jispjega s-servizzi li joffru u jara jistgħux jikkollaboraw flimkien. Fit-12 ta' April 2020, ir-rappreżentant tas-soċjetà intimata Luke Johnson wera interess għal dan il-servizz u s-soċjetajiet kellhom diversi taħdidiet, fosthom mal-fundatur tas-soċjetà Velocity Ventures Limited Oliver Mauss u mas-CMO ta' DRVE Agnieszka Poznanska. Dawn it-taħdidiet mmaturaw f'kuntratt li ġie ffirmat fl-24 ta' April 2020. Is-soċjetà Velocity Ventures Limited kellha tipprovdi s-servizzi ta' bejgħ u reklamar *online* mill-pjattaforma tagħha u mis-siti soċjali lis-sit tas-soċjetà intimata. Il-ftehim kien li s-soċjetà Velocity Ventures Limited tirċievi ħlas ta' 40% tal-bejgħ onlajn gross. Filfatt, is-soċjetà Velocity Ventures Limited bdiet tippromwovi lis-soċjetà intimata fil-5 ta' Mejju 2020. Is-soċjetà Velocity Ventures Limited, madanakollu, ma tipprovdix servizz ta' disinnjar ta' reklamar jew *artwork* u dan jiġi fornut esklussivament mill-klijenti tagħhom.

Għal bidu kollox mexa ħarir iżda fid-19 ta' Mejju 2020 ir-rappreżentanta tas-soċjetà Velocity Ventures Limited li kienet qed tieħu ħsieb lis-soċjetà intimata bħala klijenti, Agnieszka Poznanska, irċeviet email mid-designer tas-soċjetà intimata, ċerta Juan, fejn qalilha li kien hemm xi aspetti f'riklam fuq is-sit Instagram li xtaq jirranġa. Ftit wara, irċeviet email mingħand id-direttur tas-soċjetà intimata, ċerta Mills Miller, fejn gerger dwar ir-riklami u ttermina s-servizz tagħhom b'effett immedjat billi qalilhom "*please stop work. you re fired.*"

Illi s-soċjetà Velocity Ventures Limited qalet li hi qatt ma tħejji l-*artwork* tal-klijenti u dan ikun dejjem provdut mill-klijenti stess. Illi s-soċjetà Velocity Ventures Limited, sabiex ma tkabbarhomx, aċċettat it-terminazzjoni mingħajr ma applikat in-*notice period* li jemani mill-kuntratt ta' disgħin jum u talbet li titħallas biss sad-19 ta' Mejju 2020 għas-servizzi minnha reżi. Illi s-soċjetà intimata, madanakollu, ma aċċettatx din l-offerta u ma ridietx tħallas l-ammont mitlub.

Ikkonsidrat;

Illi d-direttur tas-soċjetà Velocity Ventures Limited Oliver Mauss spjega li s-soċjetà Velocity Ventures Limited m'hijiex aġenzija tal-marketing u toħroġ il-kapital meħtieġ għall-promozzjoni minn butha, imbagħad tiġborhom mill-fatturi tagħha. Hija tikkalkulha l-ammont dovut bħala perċentwali tal-bejgħ li jagħmlu l-klijenti tagħha u għal dan l-għan tuża software apposta, bħal *Google Analytics* u sistema tagħhom DRVE u anke tqabbad mas-sistemi tal-bejgħ tal-klijenti tagħha sabiex ikollha stampa reali tal-bejgħ magħmul. Jirriżulta minn dan l-eżerċizju li bejn il-5 ta' Mejju 2020 u d-19 ta' Mejju 2020, is-soċjetà intimata għamlet bejgħ gross ta' $25,053.34 bl-intervent tas-soċjetà rikorrenti u, bil-perċentwal maqbul ta' 40%, l-ammont

dovut lis-soċjetà intimata minn dan il-bejgħ gross huwa ta’ $10,021.34 (ekwivalenti għal €8463.27).

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi prodotti jirriżulta ċar li s-soċjetà intimata avviċinat lis-soċjetà Velocity Ventures Limited sabiex tibbenefika mis-serevizzi tagħha. Il-partijiet kellhom numru ta’ diskussjonijiet u fis-27 ta’ April 2020 huma daħlu fi ftehim fejn is-soċjetà Velocity Ventures Limited obbligat ruħha li tippresta s-servizzi tagħha fir-rigward tal-prodotti “mineralhealth.co” u “mineralhemp.co” fir-reġjun tal-Istati Uniti. Is-soċjetà intimata, min-naħa tagħha, obbligat ruħha li tħallas *commission* ta’ 40% tal-*gross online sales* ġġenerati tramite s-servizzi tagħha.

Illi mid-dokumenti ppreżentati mid-direttur ta’ Velocity Ventures Limited, Oliver Mauss, il-Qorti hija konvinta li bejn il-5 ta’ Mejju 2020 u d-19 ta’ Mejju 2020, is-soċjetà intimata għamlet bejgħ *gross* ta’ $25,053.34 u bl-applikazzjoni tal-commission miftiehma l-ammont dovut lil Velocity Ventures Limited huwa ta’ $10,021.34, kif del resto jirriżulta wkoll mill-fattura Nru “Mineral 2020/01” datata 19 ta’ Mejju 2020 u eżebita in atti.

Illi min-naħa l-oħra, il-Kuratur Deputat, minkejja li għamel dak kollu li seta’ bħala difensur tas-soċjetà intimata, ppreżenta email datata 13 ta’ Frar 2022 li turi li hu pprova jikkomunika mas-soċjetà intimata.

Illi għalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li t-talba tar-rikorrenti nomine għandha tiġi milqugħa.

Ikkunsidrat;

Illi fl-Avviż promotur, ir-rikorrenti nomine jitlob l-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-fattura relattiva, u ċioè id-19 ta' Mejju 2020.

Bit-talba tiegħu, ir-rikorrenti nomine qed jibbaża fuq id-dispost tal-Artikolu 1141(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola li *"Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita"*

Illi sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi jekk l-imgħax għandux jiddekorri skont l-Artikolu 1141(1) jew skont l-Artikolu 1141(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jeħtieġ li l-Qorti teżamina jekk it-transazzjoni odjerna hijiex waħda ta' natura kummerċjali jew ta' natura purament ċivili.

L-Artikolu 5(e) tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola li kull operazzjoni li għandha x'taqsam ma soċjetajiet kummerċjali għandha titqies li hija att ta' kummerċ. Fil-każ preżenti, il-kontendenti huma soċjetajiet kummerċjali u b'hekk, il-Qorti sejra tapplika d-disposizzjoni tal-Artikolu 1141(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jirriżulta mill-klawsola numru 3 tal-ftehim ppreżentat li l-klijent jobbliga ruħu li jħallas il-fatturi maħruġa fi żmien sebat' ijiem mid-data ta' meta tinħareġ il-fattura u tintbagħat minn Velocity Ventures Limited. Jirriżulta mill-email datata 19 ta' Mejju 2020 li l-fattura intbgħatet lis-soċjetà intimata dakinhar stess. Il-Qorti ser tagħti l-benefiċċju konċess mill-istess kuntratt lis-soċjetà intimata u tqis li d-data minn meta għandu jibda jiddekorri l-imgħax huwa ta'  sebat' ijiem wara d-19 ta' Mejju 2020, ossija s-26 ta' Mejju 2020.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-konverżjoni minn Dollaru Amerikan għal Ewro, ir-rikorrenti nomine jindika s-somma ta' €8,463.27 iżda jirriżerva somma oħra verjuri skont ir-rata tal-kambju viġenti.

Illi r-rati tal-kambju, min-natura tagħhom stess, jinbidlu kuljum u jekk is-somma mitluba ta' $10,021.34 tinħadem fuq ir-rata tal-kambju ta' meta kellha titħallas il-fattura[1] jew fuq ir-rata applikabbli fid-data tal-lum[2] bħala d-data tas-sentenza wieħed se jsib li l-ammont Ewro li jirrispekkja l-valur $10,021.34 se jkun differenti. L-istess jista' jingħad għall-futur fis-sens li jekk l-ammont ta' Ewro jiġi kristallizzat għall-ġurnata tal-lum, aktarx li fil-futur jekk ir-rikorrenti nomine jeżegwixxi fuq l-ammont ta' Ewro indikat, xi ħadd mil-kontendenti se jmur minn taħt. B'hekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li r-rata tal-kambju għandha tinħadem dakinhar li tiġi enforzata din is-sentenza, bil-għan li l-ammont ta' Ewro ekwivalenti jqarreb kemm jista' jkun l-ammont ta' $10,021.34 mitlub.

Għaldaqstant, il-Qorti se tastjeni milli tikkonverti s-somma ta' $10,021.34 f'valuta tal-Ewro propju biex tevita diskrepanza kontra parti a favur ta' parti oħra.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti nomine u tikkundanna lis-soċjetà Mineral

[1] Ara f'dan is-sens **Hugh Von Brockdorff noe vs Avukat Dr Alfred Mifsud,** 7 ta' Novembru 1951, Qorti tal-Appell jew **L-Avukat Dottor Kris Borg noe vs AirMalta Company Limited**, Qorti tal-Appell, 27 ta' Ġunju 2003 (App Civ Nru 2390/1996/1)

[2] Ara f'dan is-sens **Dr Joseph Ralph Grech et vs Cuschieri Calamatta & Company Limited**, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 28 ta' Ġunju 2010 (Citazz Nru 1222/2005 JZM) jew **Camenzuli Tyres Limited vs Dr Renzo Porsella Flores noe**, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 23 ta' Jannar 2003 (Rik Ġur Nru 1363/2000/1)

Health & Beauty tħallas lis-soċjetà Velocity Ventures Limited is-somma ta’ għaxart t’elef u wieħed u għoxrin Dollaru Amerikan u erbgħa u tletin ċenteżmu (USD 10,021.34) jew somma oħra verjuri skond ir-rata tal-kambju viġenti dakinhar li din is-sentenza tiġi enforzata, u dan bl-imgħax legali dekorribbli mis-26 ta’ Mejju 2020 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż tal-preżenti jkunu a karigu esklussiv tas-soċjetà intimata.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**